KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Erbgħin (47)***

***It-Tlieta, 10 ta' Mejju, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm

**47.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

47.1.1 Tressqet ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Keith Fenech fejn talab li jkun skużat minħabba impenji oħra. Il-Kunsill approva.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46 li nżammet nhar it-Tlieta, 12 t' April, 2022.

47.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

47.2.3 **Mozzjoni 47-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 46.

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 46 ġew approvati unanimament.

**47.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

*A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 47 (08) – Mejju 2022*

47.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 47(08) permezz cheque numru 7190 (ref. 10346) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10338 sa 10364 li jammontaw €21,571.27

47.3.2 **Mozzjoni 47-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 47(08) bl-ammont ta' €21,571.27

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 47(08) ġiet approvata unanimament.

**47.4 <u>Karnival Spontanju 2022</u>**

47.4.1 Din il-materja se tiġi diskussa matul il-Korrispondenza.

**47.5 <u>Korrispondenza</u>**

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li r-Reġjun se jkun qed joħroġ it-tender tal-Ġbir ta' Skart. Preżentament minħabba li l-Kunsill għad m'għandux Contracts Manager, se tikkoordina l-Viċi Sindku Christine Dalli flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv sakemm ikollna Contracts Manager. Rigward it-Tender tal-Contracts Manager, il-Kunsill irid jiddeċiedi kif se tinħareġ it-tender biex tilħaq l-aspettattivi tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qed iressaq din il-kwistjoni fil-Laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici. Sadanittant nistgħu naraw jekk hemmx xi persuni li jistgħu jokkupaw din il-pożizzjoni.

47.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nfetħu l-applikazzjonijiet għal-lifelong learning. Il-Kunsill qabel li japplika għall-'Maltese Bobbin Lace' u jekk ikun hemm fejn, napplikaw għal 'Maltese Foreign Language'.

47.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet min jixtieq ikun fuq il-bord tal-evalwazzjoni tat-tender tal-garaxx. Il-Kunsill qabel li l-membri preżenti jkunu fuq il-Bord.

47.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand il-Kappillan dwar l-attivitajiet li ġejjin għat-tliet xhur li jmiss. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

47.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand il-Gal Xlokk dwar miżura 4 u l-proġett tal-picnic area. Huma qed jitolbu spjegazzjoni dettaljata u dokumentata rigward ir-ragunijiet għala għadu ma nħariġx il-permess tal-picnic area. Is-Sindku Darren Abela qal li l-Perit se jkun qiegħed jagħmel dak kollu li l-Kunsill qed jitlob u għal din id-darba biss iħallas il-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nitolbu *extension*, filwaqt li ngħidu lill-Perit jgħaddi l-evidenza kollha u l-korrispondenza li saret bejn il-Planning Authority u TORB.

47.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza rigward Memorandum sabiex ma jinqatax ħaxix minn żoni rurali minħabba li dan jista' jkun essenzjali għan-naħal. Il-Kunsill ma qabilx li jipparteċipa f'dan il-Memorandum.

47.5.6 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq San Filippu, il-Kunsill qabel li jikteb email lill-IM dwar ix-xogħlijiet fit-toroq ta' din iż-żona. Għalkemm il-Periti ta' IM qed jagħmlu minn kollox biex ix-xogħol jitlesta, jidher li għal xi raġuni qed jimxi bil-mod. Għaldaqstant qegħdin nitolbu biex x-xogħol jitlesta sal-festa ta' San Ġużepp. Dwar dan il-Kunsill qabel.

47.5.7 Rigward l-ittra mingħand l-Avukat għall-oġġezzjoni tal-Kamra tan-Nar ta' Ħal Tarxien, il-Kunsill qabel unanimament li fl-ittra nżidu fl-ewwel paragrafu, li l-main store

tal-fabbrika tan-nar se jkun 80 metru l-bogħod mill-uniku post li għad fadal li minnu jinħaraq in-nar taż-żewġ festi li għandna Ħal Għaxaq.

47.5.8 Rigward il-permessi tal-barijiet tal-istabbilimenti fil-Pjazza, il-Kunsill qabel li ma jsir l-ebda tisjir fuq barra, bejgħ jista' jsir imma tisjir ma jsirx fil-Pjazza. Dwar dan il-Kunsill qabel.

47.5.9 Rigward il-Permessi tal-attivitajiet tal-festa, il-Kunsill qabel li l-Għaqdiet jiġu eżentati mill-ħlas tal-permessi fil-ġimgħa tal-festa jiġifieri minn ħruġ il-vara min-niċċa sa nharha.

47.5.10 Tressqet talba sabiex isiru toqob għall-arbli tal-festa bl-ispiża ta' Eur743. Is-Sindku Darren Abela qal li dawn se jsiru min-naħa tad-dilettanti tal-festa. F'każ li ma jsirux, il-Kunsill qabel li jagħmilhom.

47.5.11 Tressqet stima mingħand il-Cleansing Department rigward it-tindif għal wara l-kunċerti u għal wara l-marċi. L-istima tammonta għal circa €13,000. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-kuntrattur preżenti ma jieqafx għalissa biex nifrankaw ftit minn din l-ispiża. Il-Kuntrattur preżenti qal li se jkun qed jagħmel minn kollox biex jnaddaf wara kull attivita' kif għandu fil-kuntratt. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jekk ix-xogħol isir tajjeb fil-Karnival, jitqabbad il-kuntrattur tagħna biex inaddaf wara l-attivitajiet. Rigward il-kunċerti l-Kunsill qabel li jqabbad lill-Cleansing kif ukoll għal għall-marċ tal-Ħadd.

47.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-permess sabiex jiġu rranġati s-soqfa tat-Turretta se jiskadi. Il-Kunsill qabel li jġedded il-permess, filwaqt li jiddiskuti l-istima tax-xogħlijiet, mal-Ministru tal-Kunsilli Lokali.

**47.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

47.6.1 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ssir application għall-ilmenti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jġib stima.

47.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex isiru tabelli ta' 70km/hr minħabba overspeeding. Il-Kunsill qabel li nibagħtu lill-TM biex jagħmlu *speed limit.*

47.6.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex il-Kunsill jekk jista' jgħin lin-Nursery biex jitneħħew xi planki minn fejn il-ground. Is-Sindku Darren Abela qal li se tinġieb stima.

47.6.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Triq tal-Qattus tiġi *one way*. Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li hemm bżonn urġenti li jsir xi ħaġa fuq Traffic Management. Is-Sindku Darren Abela qal li se jitlob stima sabiex jinġieb espert biex niddiskutu miegħu dwar id-diffikultajiet. Il-Kunsill qabel.

47.6.5 Is-Sindku Darren Abela ppropona li nibgħatu d-Dipartiment dwar il-proposta tal-Kunsill biex jigwidawna kif l-aħjar li ssir.

47.6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex terġa' ssir is-Summerschool man-Nursery. Il-Kunsill qabel li terġa' ssir.

47.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li nagħtu €100 lill-Kappillan tal-użu tas-sala f'-Jum Ħal Għaxaq.

47.6.8 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand il-Kappillan sabiex issir rampa. Il-Kunsill qabel li ssir waħda tal-injam.

47.6.9 Is-Sindku Darren Abela ppropona li nixtru pompa għall-ġiebja ta' San Filippu biex nibdew nużawha. Il-Kunsill qabel.

**47.7 Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera**

47.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment sabiex jinqata' l-ħaxix fi Triq l-Andar.

47.7.2 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li ssir tindifa tajba fi Triq il-Belt Valletta.

47.7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet jekk tranġax l-injam tal-ground iż-żgħir. Se niċċekjaw dwaru.

47.7.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt talab sabiex titmexxa ftit ic-Charging Pillar li hemm fi Triq Joseph Gravina.

**47.8 Mozzjonijiet**

47.8.1 Annessi mal-Minuti

**47.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

47.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 9 ta' Ġunju 2022 fil-5.30pm meta se ssir ukoll il-Laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

__________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

__________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 47**

**Mozzjoni Ref:** 47-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 46

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

**Data:** 10 ta' Mejju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 47**

**Mozzjoni Ref:** 47-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 47/08

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 10 ta' Mejju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**